MINUTI

Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb

Laqgha Nru. 59

Data: 24 ta' Ottubru 2023

Hin: 12.30pm

Post: Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-

David Apap Agius	*Sindku*
Louis Apap	*Vici Sindku*
Tonio Mifsud	*Kunsillier*
Joseph Mizzi	*Kunsillier*
Miriam Borg	*Kunsillier*
Emily Amatulli-Depasquale	*Segretarju Ezekuttiv*

AGENDA

59.1 Qari tal-ittri ta' Apologiji;

59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

59.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

59.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

59.5 Korrispondenza u Rapporti;

59.6 Ftuh Centru Civiku;

59.7 Attivitajiet;

59.8 Progetti u xogholijiet;

IFFIRMATA
David Apap Agius
Sindku

IFFIRMATA
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

59.9 Skema Komunitajiet aktar siguri u organizzati;

59.10 Offerti;

59.11 Skeda ta' Pagamenti;

59.12 Materji ohra;

59.13 Tmiem tal-laqgha.

59.1 Qari tal-ittri ta' Apologiji

59.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologiji

59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

59.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

59.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

59.3.1 Is-Sindku qal li l-Kite and Wind festival kien ta' success kbir u aktar milli mahsub. Bhal kull sena dejjem ikun hemm xi affarijiet li jistghu jitjiebju jew jitrangaw. Huwa zied jghid li l-Kumitat tal-festa flimkien mall-kumitati ohra taw kontribut kbir u tajjeb li maghmlulhom kuragg u napprezzawhom fl-attivitajiet kollha. Is-Sindku spjega li ser issir konferenza u tajjeb li dawn jigu mistiedna jinghaqdu mall-Kunsill fejn wara ssir anke *reception.* Is-Sindku ta ukoll id-dettalji u hinijiet fejn ser isir u l-Kunsilliera huma ukoll mistiedna. Huwa qal li l-ghaqdiet ghandhom jigu mistiedna mill-Arcipriet. Il-Kunsill qabel unanimament.

59.3.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ircieva talba ghal double yellow line fejn ic-Centru Parrokkjali. Is-Sindku spjega li kien hemm diskussjoni fejn kienu qed jipparkjaw quddiem il-bieb u s-sid ma kienx irid. Huwa spjega ukoll li f'dan il-post l-iktar li qed jipparkjaw huma muturi u jkun hemm imwejjed. Is-Sindku qal li huwa ma kellu ebda oggezjoni pero' innota li f'dan il-post kien hemm permess tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Huwa qal ukoll li qabel il-muturi kienu jithallew mall-monument ta' Frenc ta' l-Gharb pero' dan l-ahhar kienu qed jipparkjaw f'din iz-zona. Is-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill ghandu jara ezatt il-permess tal-Awtorita' x'jghid u wara jigi deciz il-pass li ghandu jittiehed. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni u qabel unanimament.

59.3.3 Il-Vici Sindku qal li l-gallerja tal-gebel li hemm fejn is-supermarket fil-Pjazza taz-Zjara tal-madonna kienet giet milquta. Tkompliet id-diskussjoni fejn gie issugerit li ghandna nkellmu lil Transport Malta jekk tistax titranga l-bankina sabiex f'dan il-post ma jsirx parkegg. Gie innotat ukoll li l-mera ghandha titranga f'dan il-post.

59.3.4 Is-Sindku qal li din is-sena kien hemm skema fejn min jixtri karozza tal-elettriku jista' jisellef il-flus mill-bank minghajr interess peress li l-interess jithallas mill-Gvern. Ghal dan il-ghan is-Sindku ssugerixxa li ssir *upgrade* tal-karozza tal-Kunsill. Gie innotat ukoll li sabiex isir dan il-Kunsill irid jiddiskuti din il-possibilita' mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jara l-possibilita' ta' dan.

59.3.5 Saret referenza ghall-arblu fi Triq l-Gharb fejn il-kunsill gie infurmat li aktar kmieni llum kienu waslu l-bniedar il-gdda. Is-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill ghandu jsib persuna responsabbli sabiex titella' l-bandiera meta jkun hemm il-htiega fejn din il-persuna tinghata anke renumerazzjoni ta' dan ix-xoghol. Is-Sindku ssugerixxa lis-Sur Jimmy Piscopo li sa mill-bidu kien attiv hafna fix-xoghol ta' l-arblu u li wera anke interess li jiehu hsieb il-bniedar. Il-Kunsill qabel unanimament mas-Sindku fuq din il-materja.

59.3.6 Is-Sindku qal li kien gie avvicinat mill-parrocca fir-rigward tal-Gate tal-Cimiterju l-parti l-gdida fejn din ser tinbidel. Huwa talbu lill-Kunsill sabiex jitranga c-cement ta' fejn hemm din l-imsemmija gate biex tkun tista' tehel. Il-Kunsill qabel unanimament li jaghmel ix-xoghol bil-haddiema tieghu.

59.3.7 Is-Sindku qal li Triq Felic Grech kien hemm parti minnha li kienet qeghda ccedi u ghaldaqstant kien qed isir xoghol min-naha tal-haddiema tal-Kunsill sabiex jitranga il-hajt. Huwa ssugerixxa li ssir ukoll bankina quddiem il-hajt. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel max-xoghol mehtieg.

59.3.8 Is-Sindku qal li kienu ghaddejjin diskussjonijiet ma' l-Enemalta fejn is-substation ta' Triq Mongur hemm bzonn li tigi mqabbda mad-dar tax-xjuh ta' San Lawrenz. Huwa spiega li parti mill-*wiring* huwa diga mqabbad u lest. L-unika parti li ghad baqa' jsir huwa fi Triq Dun Alwig Mizzi u Triq Felic Grech. Saret diskussjoni fejn gie innotat li sabiex isir dan ha tghaddi trinka minn Triq Dun Alwig Mizzi u Triq Felic Grech. Il-Kunsill min-naha tieghu innota li Dun Alwig hija triq gdida u ghaldaqstant ghandha terga ssir kollha bit-tarmak filwaqt li Triq Felic Grech triq issir wisa' ta' paver. Is-Sindku ssugerixxa li ghandha ssir talba lill-Ministeru ghal Ghawdex sabiex ix-xogholijiet li huwa reponsabbli minnhom il-Kunsill isiru mill-fondi allokati ghat-toroq u jsir zieda addizzjonali maghhom. Gie innotat ukoll li dan ix-xoghol mhux ser isir issa imma aktar 'il quddiem possibilment anke is-sena d-diehla. Il-Kunsill kompla jiddiskudi u qabel li Triq Dun Alwig Mizzi ghandha ssir kollha kemm hi mill-gdid jekk jghaddu l-cables minn hemm u fil-parti l-ohra fejn huwa reponsabbli l-Kunsill ghandha ssir talba lill-Ministeru ghal Ghawdex kif diskuss.

59.3.9 Is-Sindku qal li fir-rigward ta' Triq Tumas Cassar, il-kuntrattur kien infurmah b'mod verbali li din ser tinghata bidu fl-gimghat2 d-diehla. Huwa qal li kien qed jinsisti peress li huwa importanti anke peress li l-progett tal-pannelli jrid jigi ffinalizzat.

IFFIRMATA
David Apap Agius
Sindku

IFFIRMATA
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

59.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

59.4.1 Ma kienx hemm mistqosijiet tal-kunsilliera.

59.5 Korrispondenza u Rapporti

59.5.1 Gew trattati s-segwenti applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar bin-numri PA/07114/21 u PA/06158/22.

59.5.2 Giet trattata korrispondenza minghand PaulJon Aquilina fir-rigward ta' pubblikazzjonijiet dwar l-Astronomija li jixtieq jipprezenta lill-Kunsill bhala donazzjoni. Il-Kunsill qabel ma' din id-donazzjoni.

59.6 Ftuh Centru Civiku

59.6.1 Is-Sindku ssugerixxa li fir-rigward tal-ftuh tac-Centru Civiku dan ser jigi pospost ghal Jannar minhabba li l-Prim Ministru ikollu diversi committements f'dan il-perijodu. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Sindku qal li fil-Meeting Hub kienu qed isiru partitions sabiex jinghalaq il-parti li ser juzaw l-Ghaqda tal-Presepju. Apparti minnhekk il-magni tan-newl gew trasferiti f'dan il-post. Maghhom ser ikun hemm ukoll l-ufficju tal-Agenzija Sapport u parti ohra qed tintuza mill-Assocjazzjoni tad-Dyslexia. Maghhom kien ser jibqa' post ukoll ghal Fr. Edward Vella ghas-sezzjonijiet tal-Counselling.

59.7 Attivitajiet

59.7.1 Is-Sindku qal li nhar il-Hamis kienet ser issir l-attivita' taz-zebbug pero' din kienet qed tigi posposta ghal nhar it-Tnejn jew nhar il-Hamis.

59.7.2 Fis-17 ta' Novembru kienet ser issir ukoll l-Opra. Is-Sindku qalab lill-Kunsilliera sabiex jinfuraw lis-Segretarju Ezekuttiv min kien ser jattendi sabiex isir ir-reserved. Il-Vici Sindku ikkonferma li hu kienu ser ikunu tlieta.

59.7.3 Attivita' ohra ppjanat kienet il-Herbs Festival li kienet ser issir fis-26 ta' Novembru.

59.7.4 Fit-3 ta' Dicembru kienet ser tigi organizzata r-Run.

59.7.5 Fir-rigward ta' l-attivita' Make Music Great kien ghada ma nstabitx gurnata pero' din wara 3 ta' Dicembru tista' ssir.

59.7.6 Ghall-Attivitajiet tal-Milied kif kien sar qbil dawn kienu ser isiru bejn il-11 u 30 ta' Dicembru fejn kien hemm zewg weekends mimlija attivitajiet bhal bands, DJ u serata folk. Fil-15 ta' Dicembru ser ikun hemm ukoll kor. Ma' dawn gie

issugerit ukoll li jsiru l-ice-Rink u l-Christmas Market. Il-Kunsill qabel ma' dan il-program.

59.7.7 Is-Sindku fakkar li attivita' ohra li ser issir huwa l-vjagg lejn Budapest bejn l-1 u 5 ta' Novembru fejn ser jitilghu grupp ta' nies mill-Gharb.

59.8 Progetti u xogholijiet

59.8.1 Is-Sindku qal li bhala xogholijiet kien hemm dawk relatati mall-progett tal-panelli li gie ukoll diskuss aktar kmieni waqt il-laqgha.

59.8.2 Is-Sindku qal ukoll li huwa previst li jibdew xogholjiet fuq it-toroq taht il-Mizura 4.3 fil-gimghat li gejjin.

59.8.3 Xogholijiet ohra relatati mall-iskemi ta' l-Accessibilita' kif ukoll Playing Fields u z-zona tal-Pool taht il-park ta' l-Astronomy. Dawn huma xogholijiet ohra li ghaddej fuqhom ix-xoghol fil-prezent.

59.9 Skema Komunitajiet aktar siguri u organizzati

59.9.1 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li l-Kunsill kien inghata l-ammont ta' €10,412.50 bhala parti minn dan il-progett. Huwa spjega li dan jinkludi fih in-neighbourhood watch u fih nistghu ninkludu lill-ghaqdiet biex ikollna emergency group. Il-Kunsill kompla jiddiskuti dan il-progett u qabel li ghandu jibda' bl-implimentazzjoni tieghu.

59.10 Offerti

59.10.1 Saret referenza ghall-progett ta' l-AMPPA fejn kienu gew ppublikati zewg offerti wahda ghall-Digital Interactive Centre, u Electronic Information Points. Il-Kunsill qabel mar-rapporti ta' evalwazzjoni kif proposti. Saret diskussjoni ukoll fejn ser titpogga d-Digital Interactive Centre fejn sar qbil li ssir fi Pjazza Gerano.

59.10.2 Joseph Mizzi qal li fi Triq San Pietru kien hemm problema li kienu qeghdin ihallu hafna zibel. Gie innotat li f'din iz-zona kien hemm tabella ta' l-iskart.

59.11 Skeda ta' Pagamenti

59.11.1 L-iskeda tal-pagamenti giet approvata.

59.12 Materji ohra

IFFIRMATA
David Apap Agius
Sindku

IFFIRMATA
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

59.12.1 Saret diskussjoni dwar korsijiet tal-Malti ghall-barranin peress li ma kienx sar wiehed. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel avviz sabiex isir kors tal-Malti ghall-barranin.

59.13 Tmiem tal-laqgha.

59.13.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 28 ta' Novembru 2023 fid-9.00am.

59.13.2 Il-laqgha spiccat fil-1.25pm.

Konfermati minn

IFFIRMATA
David Apap Agius
Sindku

IFFIRMATA
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv